# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 50**
**Rikors numru: 116/2025/1 MS**

**David Tabone**

**v**

**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2025 l-Avukat Ġenerali ġie msejjaħ fil-kawża**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-27 ta' Marzu 2025, li biha ċaħdet it-talbiet tiegħu. Din il-kawża kienet qiegħda tinstema' flimkien mal-kawża **Rio Micallef vs L-Avukat Ġenerali et** (115/2015/1), li ġiet deċiża llum ukoll. Il-każ jitratta dwar ordni tal-Qorti Kriminali li emenda introdotta bl-Att VII tal-2025 għall-Artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali, li tippermetti lil ċerti akkużati jagħżlu li l-każ tagħhom isir mingħajr ġurija. Dispożizzjoni

li l-Qorti Kriminali ddeċidiet li ma kinitx tapplika għall-każ tiegħu u tal-ko-akkużati l-oħra.

2. Il-fatti tal-każ kif spjegati mill-Ewwel Qorti huma dawn:

9. *"Ir-rikorrent huwa wieħed minn tliet ko-akkużati fi proċeduri penali dwar drogi u sustanzi illeċiti. Il-ġuri fil-konfront tiegħu u tal-ko-akkużati l-oħrajn beda jiġi ċelebrat nhar it-Tnejn, l-24 ta' Marzu 2025 fid-9am u għadu qed jinstema'.*

10. *Fis-17 ta' Marzu 2025, ġie promulgat l-Att VII bit-titolu «Att sabiex jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap.537 u liġijiet varji relatati mad-droga». Fost il-bidliet magħmula b'dan l-Att, hemm ukoll bidla li kellha ssir lill-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni kienet tgħid hekk:*

> *Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-akkużat jista', mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara d-data tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) jew tal-ordni msemmi fl-artikolu 620(4), jippreżenta nota fir-reġistru tal-qorti li biha jagħżel li ġuri ma jiġix magħżul għall-kawża jew għad-deċiżjoni dwar kull kwistjoni kollaterali taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, u kopja uffiċjali ta' dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali:*
>
> *Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għall-kawża dwar ir-reat meta t-talba fl-att tal-akkuża tkun għal piena ta' priġunerija għall-għomor.*

11. *Bl-artikolu 3 tal-Att VII tal-2025, fil-proviso tal-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali żdiedu l-kliem «ħlief għal reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi», wara l-kliem «priġunerija għall-għomor». B'hekk, persuna akkużata b'reat permezz ta' att t'akkuża li fih tkun qed tintalab il-piena ta' priġunerija għall-għomor tista' tagħżel li l-każ tagħha jinstema' mingħajr ġurati biss jekk ir-reat addebitat lilu jkun kontra l-Ordinanzi msemmija fl-emenda magħmula.*

12. *Jirriżulta paċifiku li r-rikorrent huwa proprju akkużat b'reati kontra dawn l-Ordinanzi.*

13. *Ir-rikorrent odjern, kif ukoll il-ko-akkużat Darren James Vella, minnufih wara l-promulgazzjoni tal-emenda msemmija ressqu n-nota li biha ddikjaraw li ma riedux li jintgħażlu l-ġurati fil-każ tagħhom. Jidher li peress li l-ko-akkużat Rio Micallef m'għamilx din l-għażla minnufih, il-Qorti Kriminali iffissat udjenza għall-20 ta' Marzu 2025.*

14. *Jidher mill-verbal ta' dik l-udjenza li Rio Micallef kien qed isostni li, peress illi fil-mument tal-promulgazzjoni tal-Att VII tal-2025, il-ġuri kien appuntat, u l-akkużati kienu effettivament ilhom notifikati bl-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) tal-Kodiċi Kriminali, it-terminu ta' għaxart ijiem imsemmija fl-artikolu 436(6) tal-Kodiċi preċitat bdew jgħaddu minn dakinhar tal-promulgazzjoni tal-Att VII tal-2025.*

15. *Matul is-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali, id-difensuri ta' Rio Micallef iddikjaraw «illi l-ġuri fil-konfront ta' dan l-akkużat isir bil-ġurija». Wara din id-dikjarazzjoni, il-prosekuzzjoni ddikjarat li «dment li d-difiża kolleġjalment ma tirravviża l-ebda nullità fil-fatt illi l-Qorti tgħaddi biex tapplika l-emendi introdotti fl-Att VII ta' 2025, hija ma għandhiex oġġezzjoni illi l-ġuri ta' Rio Micallef isir bil-ġurija filwaqt li taż-żewġ akkużati oħra isir mingħajr ġurija».*

16. *Din id-dikjarazzjoni mid-difiża tar-rikorrent u tal-ko-akkużat Vella saret fl-istess udjenza, iżda d-difensuri tal-ko-akkużat Micallef ma riedux jagħmlu dikjarazzjoni f'dak is-sens.*

17. *Imbagħad il-Qorti Kriminali ippronunzjat dikriet kif ġej:*

> *Il-Qorti rat l-emendi introdotti għal proviso tal-artiklu 436 sub-inċiż 6 tal-Kodiċi Kriminali, tosserva illi madanakollu ma hemm ebda emenda fl-Att VII tat-2025 għal dak dispost fl-artiklu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali kif lanqas hemm disposizzjoni transitorja applikabbli għal dawk il-ġurijiet li kienu diġà appuntati għas-smiegħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tal-att.*
>
> *Il-Qorti għalhekk billi l-akkużati ilhom li ġew notifikati bl-avviż tas-smiegħ tal-ġuri mis-16 ta' Diċembru, 2024, ma tistax tilqa' t-talba kontenuta fin-nota tal-akkużati, David Tabone u Darren James Vella.*
>
> *Billi t-terminu ta' għaxart ijiem konċess fl-artiklu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali laħaq iddekorra fid-dawl tal-fatt illi l-emendi li saru għal-liġi ħallew invarjata id-disposizzjoni tal-artiklu 436(6) hawn fuq indikat, u għalhekk il-Qorti tordna li l-ġuri tat-tlett akkużati isir bil-ġurija u jibda nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu, 2025 fid-9:00am.*

18. *Billi r-rikorrent dehrlu li din id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, ressaq din il-kawża."*

3. Fir-rikors li bih l-attur fetaħ il-kawża l-attur ilmenta mill-ordni li tat il-Qorti Kriminali li l-każ tiegħu u tal-ko-akkużati l-oħra għandu jsir bil-ġurati u mhux mingħajrhom kif talab l-attur. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet li emenda introdotta bl-Att VII tal-2005 għall-Artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali, li

tippermetti lil ċerti akkużati jagħżlu ġuri mingħajr ġurija, ma kinitx applikabbli għall-każ tiegħu minħabba li l-perjodu ta' għaxart (10) ijiem għal dik l-għażla kien diġà skada meta daħlet fis-seħħ l-emenda. L-attur argumenta li dik id-deċiżjoni kienet kisret il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-prinċipju ta' *lex mitior* skont l-Art. 7 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi bil-fatti hawn esposti ġie vjolat aktarx ser jiġi vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċit fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2. Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġie vjolat jew ser jiġi vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċit fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *3.Ulterjorment, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dak l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent".*

4. Fl-1 ta' April, 2025 l-attur ippreżenta rikors tal-appell filwaqt li fl-10 ta' April, 2025 il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>L-ewwel aggravju</u>.

5. Fl-ewwel aggravju l-attur isostni li n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-emenda poġġietu f'pożizzjoni agħar milli kien ikun taħt l-emendi in kwistjoni. Spjega li din mhijiex kawża fejn qiegħed jattakka l-eżistenza

tal-proċess kriminali bil-ġuri. L-emenda tat lill-akkużat id-dritt li jagħżel hu fejn għandu jsir il-proċess kriminali. Żied li minħabba ċ-ċirkostanzi, in-natura u l-kumplessità tagħhom, u wkoll il-perċezzjoni f'għajnejn is-soċjetà ta' min ikun akkużat b'reati bħal dawn, l-akkużat jista' jiffaċċja riskju reali ta' proċess mhux ġust f'każ li l-każ tiegħu jsir f'ġuri. L-emendi bl-Att VII tal-2025 iħarsu wkoll kontra *potential bias* tal-ġurati kontra nies akkużati bi traffikar ta' droga li diffiċli jiġu ppruvati b'evidenza konkreta jew empirika f'każ konkret. L-attur għamel ukoll referenza għall-prinċipju ta' *lex mitior*.

<u>Konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti</u>.

6. Dwar il-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kien sostanzjalment dan:

i. Ma kienx hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq għaliex l-attur żamm il-pożizzjoni legali tiegħu kif kienet qabel l-emenda li saret bl-Att VII tal-2025. Pożizzjoni li kienet diġà konformi mal-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ġaladarba l-ġuri huwa proċess ġust u legali (para. 43 tas-sentenza appellata).

ii. Il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq normalment iseħħ meta tibdil f'liġi jinterferixxu ma' proċeduri li jkunu għaddejjin b'detriment għad-drittijiet tal-parti. Il-Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-QEDB fejn liġijiet retroattivi influwenzaw ir-riżultat finali ta' kawża li fiha l-Istat kien parti. Il-Qorti qalet li f'dan il-każ ma ġiex muri li t-tibdil leġislattiv effettwa d-drittijiet tal-attur.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-ewwel aggravju</u>.

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva li filwaqt li fil-każ 115/2015/1 l-akkużat iddikjara li ried li l-każ tiegħu jsir il-ġuri, fil-każ in eżami l-attur iddikjara li ried li l-proċess kriminali tiegħu ma jsirx f'ġuri. Madankollu, b'digriet il-Qorti Kriminali ordnat li l-każ tal-ko-akkużati kollha jsir f'ġuri. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li t-terminu ta' għaxart (10) ijiem li jissemmew fl-Art. 436(6) tal-Kodiċi Kriminali kienu diġà għaddew meta daħlu fis-seħħ l-emendi tal-Att VII tal-2025, li jinkludu l-*proviso* għall-Art. 436(6) tal-Kodiċi Kriminali.

8. L-attur qal li l-emenda li saret fil-*proviso* tal-Art. 436(6) tal-Kodiċi Kriminali saret minħabba li f'kawżi ta' din ix-xorta, *"12….. minħabba ċ-ċirkostanzi, in-natura u l-kumplessita' tagħhom, u wkoll il-perċezzjoni f'għajnejn is-soċjeta' ta' min ikun akkużat b'reati bħal dawn, l-akkużat jista' jiffaċċja riskju reali ta' proċess mhux ġust quddiem ġurija"*. L-attur ma

spjegax kif wasal għal din il-konklużjoni. Il-Qorti ma taqbilx li l-emenda poġġiet f'dubju l-proċedura tal-ġuri f'każijiet bħal dak tal-attur. Kif osservaw il-konvenuti, fil-ġuri l-attur instab biss ħati tal-ewwel kap tal-akkuża u kien liberat mir-raba' u ħames kapi tal-akkuża. Saħansitra wieħed mill-ko-akkużati kien liberat. Bir-raġunament tal-attur suppost kollha nstabu ħatja tal-kapi tal-akkuża.

9. L-attur lanqas mhu korrett meta qal li l-Ewwel Qorti żbaljat meta f'paragrafu 36 tas-sentenza qalet li bosta mis-sottomissjonijiet li saru dwar prinċipji ta' tranżetorjetà tal-liġi proċedurali, huma irrilevanti. Il-fatt jibqa' li l-interpretazzjoni tal-liġi kriminali trid issir mill-qorti kompetenti li f'dan il-każ hi l-Qorti Kriminali. Ma kienx il-kompitu tal-Ewwel Qorti u lanqas ta' din il-Qorti li tistħarreġ jekk ir-raġunament tal-Qorti Kriminali kienx legalment korrett jew le.

10. Il-Qorti tagħmel ukoll ampja referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet f'dan ir-rigward fis-sentenza 115/2015/1 **<u>Rio Micallef vs l-Avukat Ġenerali et</u>** li ngħatat illum. Il-fatt li l-attur kien iddikjara li jrid li l-każ tiegħu jinstema' mingħajr ġuri, ma jibdel xejn fil-konsiderazzjonijiet li għamlet il-qorti. Wieħed irid jiftakar li d-dispożizzjonijiet rilevanti ma jagħtux xi jedd fundamentali li liġi proċedurali tapplika b'mod retroattiv. L-attur lanqas ma allega li kien hemm pereżempju nuqqas ta' imparzjalità min-naħa tal-ġurati, jew li seħħew xi proċeduri irregolari. Il-fatt jibqa' li l-

attur baqa' jgawdi l-jedd għal aċċess għal ġuri bi smigħ xieraq, bi dritt li jiddefendi lilu innifsu bl-assistenza ta' avukati tal-għażla tiegħu. Dan iktar u iktar meta wieħed jikkunsidra li l-fatt waħdu li l-liġi tipprovdi li l-proċess kriminali jsir b'ġuri minflok proċess quddiem imħallef waħdu, mhuwiex biżżejjed biex iseħħ ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq (ara pereżempju sentenza tal-QEDB, **<u>Taxquet v Belgium</u>**, 16 ta' Novembru 2010).

11. Fis-seduta li saret fl-20 ta' Marzu 2025 quddiem il-Qorti Kriminali, il-partijiet kellhom l-opportunità li jinstemgħu. Imbagħad il-Qorti Kriminali tat digriet. Il-proċess kien trasparenti u l-Qorti tat digriet motivat, bażat fuq il-fatt li fl-Att VII tal-2025 ma kienx hemm dispożizzjoni tranżitorja.

12. Il-fatt li l-Qorti Kriminali ordnat li jsir ġuri, ma wassal għal ebda ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq apparti l-fatt li l-liġi stess tagħti l-jedd lill-attur li jappella mis-sentenza finali, kemm fuq punti ta' fatt u punti ta' liġi. Fl-appell il-qorti tkun presjeduta minn tliet imħallfin professjonali biss.

<u>It-tieni u tielet aggravju</u>.

13. It-tieni u tielet aggravji huma dwar dik il-parti tas-sentenza li tirreferi għall-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-

Kostituzzjoni, li sostanzjalment huma simili. F'dawk id-dispożizzjonijiet hemm stabbilit il-prinċipji li ħadd ma jista' jitqies ħati ta' reat kriminali minħabba att jew ommissjoni li ma jkunux reat kriminali meta jsir. *Inoltre*, m'għandhiex tingħata piena akbar minn dik li tapplika fiż-żmien meta r-reat ikun sar. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat il-prinċipju ta' *lex mitior* li janima dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, u li l-Ewwel Qorti naqset milli tinterpreta dawk id-dispożizzjonijiet kif suppost peress li ma qisitx l-element temporali. L-attur jilmenta li sabiex jinstab ksur taħt dawk id-dispożizzjonijiet mhuwiex meħtieġ li l-attur ikun diġà ġie suġġett għal piena qabel ma jiftaħ kawża dwar ksur tal-jedd fundamentali garantit taħt dawk l-artikoli tal-liġi. L-imsemmija dispożizzjonijiet jagħtu l-jedd lill-akkużat li jibbenifika mill-aktar liġi favorevoli għalih, li hu l-prinċipju ta' *lex mitior*. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Ewwel Qorti li tiddeċiedi qabel ma jinbeda l-ġuri kontra l-attur. Ukoll jekk l-emendi huma proċedurali biss, m'hemm xejn xi jwaqqaf qorti nazzjonali milli tagħti iktar protezzjoni minn dik mogħtija mill-QEDB.

<u>Konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Art 7 tal-Konvenzjoni</u>.

14. L-Ewwel Qorti rraġunat li:

i. Bl-Art. 7 tal-Konvenzjoni u Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni, dak li hu vjetat hu li b'effett ta' liġi ġdida, persuna tista' tinstab ħatja ta'

reat għal fatt li ma kienx reat meta seħħ l-att jew l-ommissjoni, jew li bil-liġi l-ġdida tiġi imposta piena iktar ħarxa minn dik li kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-att. F'dawk iċ-ċirkostanzi mhijiex permessa r-retroattività. Għall-kuntrarju fil-każ in eżami l-attur irid ir-retroattività tal-Att VII tal-2025.

ii. Fil-każ in eżami l-bidla li saret bl-Att VII tal-2025 ma jista' jkollha l-ebda effett fuq is-severità tal-piena li jista' jeħel l-akkużat. Żiedet li ladarba kienet għadha ma ngħatatx piena, l-Art. 7 ma jistax jiġi invokat.

iii. Il-bidla magħmula bl-Att VII tal-2025 ma tolqotx liġi li għaliha japplika l-Art. 7 tal-Konvenzjoni, u ċjoè liġi li tolqot id-definizzjoni ta' reat u liema atti jew ommissjonijiet jikkostitwixxu reat, jew liġi li tolqot il-piena imponibbli għal xi reat.

<u>Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar it-tieni u t-tielet aggravji</u>.

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argumenti li saru mill-attur ma jreġux. L-emenda li saret fl-Art. 436(6) tal-Kodiċi Kriminali permezz tal-Art. 3 Att VII tal-2025, ma ħolqot l-ebda reat ġdid u wisq inqas xi żieda fil-piena. Il-principju *lex mitior* li għalih għamel referenza l-attur, irid jiġi applikat a bażi tal-artikoli tal-liġi li fuqha l-attur ibbaża l-ilment tiegħu u mhux *in vacuo*.

F’dan il-każ bl-emenda ma ġie introdott l-ebda reat ġdid u lanqas xi piena iktar ħarxa. Il-fatt li l-proċess kriminali sar f’ġuri u mhux f’proċess ġudizzjarju fejn il-Qorti Kriminali kienet biss presjeduta minn imħallef, ma kienx ifisser li l-attur ingħata piena iktar iebsa minn dik li kieku l-proċess kriminali ma sarx f’ġuri. Dan apparti l-fatti, li l-piena tingħata mill-imħallef u mhux mill-ġurati.

16. L-attur għamel referenza għas-sentenza **Il-Pulizja vs Mario Zammit** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta’ Settembru 2009. Però ċ-ċirkostanzi f’dak il-każ kienu ferm differenti għaliex it-tibdil fil-liġi kien jista’ jibbenifika lill-akkużat minn piena anqas u għalhekk il-Qorti qalet li l-benefiċċju li tagħti dik il-liġi għandu japplika wkoll favur l-akkużat.

17. L-attur għamel ukoll referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy** (No. 2) tal-QEDB tas-17 ta’ Settembru 2009. Sentenza li l-Ewwel Qorti irreferiet ukoll għaliha (ara paragrafu 56 u 57). F’dik is-sentenza l-QEDB qalet li l-applikazzjoni ta’ liġi kriminali *“106…. Providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law...”*. Dik il-Qorti kompliet tgħid f’para 110 tas-sentenza li l-Art. 7 tal-Konvenzjoni japplika biss *“…. to provisions defining offences and the penalties from them”*. Però fil-każ in eżami d-dispożizzjoni rilevanti tal-Att VII tal-2025 ma bidlitx il-piena u wisq inqas ma ħolqot xi reat ġdid. Il-fatt isirx ġuri jew le ma jimpinġix fuq

il-piena u wisq inqas fuq ir-reati li bihom hu akkużat l-attur. Il-protezzjoni li tingħata lill-individwu trid tkun a bażi tad-dritt fundamentali protett taħt id-dispożizzjoni rilevanti tal-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss